14 ta' Ottubru, 1954.

Imħallef :—
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Joseph Mizzi ne. *versus* Joseph Delicata pr. et ne.

**Preskrizzjoni — Lokazzjoni d'Opera — Rikonjizzjoni tad-Dejn — Interruzzjoni — Rinunzja — Art. 2253 (a), 2254 (a) u 2214 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentiera, arluġġara, u persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz ta' l-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu, tirriferixxi għall-lokazzjoni ta' l-opera li biha dawk il-persuni jkunu obligaw ruħhom li jagħtu x-xogħol tagħhom, u mhux għall-"locatio operis" li biha l-imprenditur jobliga ruħu li jagħti, mhux ix-xogħol, iżda l-prodott tax-xogħol — meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi tekniċi li timprimi lill-lokazzjoni l-karattru ta' att oġġettivament kummerċjali. Għal din l-aħħar imsemmija xorta ta' lokazzjoni d'opera hija*

*applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti iżor bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjal li jfornu.*

*Is-sempliċi fatt li l-pretiż debitur jitlob in-notamenti dwar il-kreditu pretiż kontra tiegħu, mingħajr ebda kelma oħra li tista' tispjega l-għaliex huwa ried dawk in-notamenti, ma jġibx għar-rikonjizzjoni tad-dejn, jew għal rinunzja tal-preskrizzjoni ġà maturata. Jekk dik it-talba ma tkunx akkompanjata minn xi kliem ieħor fis-sens li, jekk minn dawk in-notamenti jirriżulta li għandu jagħti, huwa jħallas, allura ma jkunx hemm lok għar-rikonjizzjoni tad-dejn jew għal rinunzja tal-preskrizzjoni li tkun ġà għalqet.*

*Ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun anki taċita. Biex tkun taċita, jeħtieġ li tirriżulta minn xi fatt li jissupponi l-abbandun tad-dritt akkwistat, minn xi attijiet jew fattijiet li ma jistgħux jittieħdu b'ħaġa oħra ħlief bħala rinunzja tal-preskrizzjoni jew ammissjoni tad-dejn.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £122. 19. 2 mill-istess konvenut lilu dovuta għal xogħlijiet u tiswijiet fil-karrozza awtomobili tiegħu "Austin" numru 7801, u għall-prezz ta' "Lucas Battery" u "spare parts", u żejt u petrol u oġġetti oħra forniti in konnessjoni ma' l-istess xogħolijiet. Bl-interessi u bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru 1953;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 2253 (a) tal-Kodiċi Ċivili, jaqgħu bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmientax il-xahar "l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, argentieri, arluġġara, u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz ta' l-opri jew tax-xogħolijiet tagħhom jew tal-materjal li jfornu"; u skond id-dispożizzjoni kontenuta fl-ittra (b) ta' l-istess artikolu ċitat, huma suġġetti għall-istess preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar "l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobili, mibjugħa bl-imnut". Dawn huma dawk id-dispo-

żiżżjonijiet li l-konvenut semma fin-nota ta' l-oċċezzjonijiet tiegħu;

Illi d-dispożizzjoni tal-liġi kontenuta fl-ittra (a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Kodiċi Ċivili tirriferixxi ruħha għall-lokazzjoni ta' opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obligaw ruħhom li jagħtu x-xogħol tagħhom, u mhux għall-"locatio operis" li biha l-imprenditur jobliga ruħu li jagħti, mhux ix-xogħol, imma l-prodott tax-xogħol — meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi tekniċi li jimprimu lill-lokazzjoni l-karattru ta' att oġġettivament kummerċjali; għal liema każ hi applikabili dik il-preskrizzjoni ta' sentejn li hija kontemplata fl-art. 2254 (a) ta' l-istess Kodiċi ċitat għall-"lokazzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ("intraprenditori" fit-test oriġinali taljan) ta' bini ieħor, jew ta' xogħolijiet oħra ta' injam, ġebel jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu";

Dan ġà ġie stabbilit fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-18 ta' Mejju 1929, fil-kawża "Pace vs. Muscat" (Kollez. Vol. XXVII — I — 1013); f'liema sentenza jingħad hekk:— "La disposizione dell'articolo 1912 dell'Ordinanza no. VII del 1868 (korrispondenti għall-art 2253 tal-Kodiċi Ċivili), secondo la quale si prescrivono col decorso di diciotto mesi le azioni dei sarti, calzolai, falegnami, ed altre persone esercenti mestieri ed arti meccaniche, pel prezzo delle loro opere, dei loro lavori e delle cose che somministrano, non è applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti; ai quali crediti è applicabile la prescrizione di due anni stabbilita nell'articolo 1913 (korrispondenti għall-art. 2254 tal-Kodiċi ċitat); poichè la disposizione dell'articolo 1912 si riferisce a crediti di artefici che prestano la loro opera ("opera"), mentre quella di cui all'articolo 1913 riguarda i crediti di coloro in cui domina il carattere di speculatori e che, più che la loro opera, prestano un lavoro ("opus") che, fino a tanto che non sia consegnato, rimane a loro rischio ..........";

Illi d-ditta attriċi teżerċita impriża ta' servizzi awtomobilistiċi, billi tispekula fuq l-opra ta' l-impjegati tagħha u tan-nies imqabbdin minnha biex jadempixxu dawk is-servizzi; u għalhekk hija applikabili għall-kreditu pretiż mid-ditta attriċi, għax-xogħlijiet indikati fl-art taċ-ċitazzjoni, il-preskrizzjoni ta' sentejn fuq indikata; u għall-istess preskrizzjoni hu suġġett il-pretiż kreditu tagħha għall-prezz ta' l-oġġetti indikati fl-istess att taċ-ċitazzjoni, billi dawn għandhom jitqiesu, f'dan il-każ, bħala materjal li d-ditta forniet in konnessjoni ma' l-imsemmijin xogħlijiet, u mhux merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobili minnha mibjugħa bl-imnut lill-konvenut, kif kienu jkunu jistgħu jiġu kunsidrati kieku ma ġewx forniti in konnessjoni u flimkien ma' dawk ix-xogħlijiet; f'liema każ kienet tkun applikabili għall-prezz tagħhom il-preskrizzjoni fuq indikata ta' tmintax-il xahar kontemplata fl-art. 2253 (b) tal-Kodiċi ċitat;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut issolleva wkoll kull preskrizzjoni oħra applikabili għall-każ skond il-liġi, u kwindi anki l-imsemmija preskrizzjoni ta' sentejn li, kif ġie muri, hija applikabili għall-kreditu tad-ditta attriċi;

Illi mill-provi, tant dokumentali kemm testimonjali, jirriżulta illi x-xogħlijiet fuq indikati ġew magħmula mid-ditta attriċi, u l-materjali u l-oġġetti ġew mill-istess ditta forniti, wisq aktar minn sentejn qabel ma saret l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru 1953 li pprecediet l-istess kawża; però l-attur *nomine* jippretendi li kien hemm ir-rikonjizzjoni tal-kreditu da parti tal-konvenut, u l-*prova ta' din ir-rikonjizzjoni* tad-debitu tal-konvenut *nomine* ippretenda li għamilha per mezz tax-xhieda ta' Emmanuele Cremona u ta' John Mizzi;

Ikkunsidrat;

Illi l-imsemmi Cremona xehed illi f'Settembru ta' l-1945 kellem lill-konvenut in rigward tal-kreditu in kwistjoni tad-ditta attriċi, u l-konvenut f'dik l-okkażjoni qallu li l-kont kien eżaġerat, u huwa ppromettielu li jagħmel il-verifikazzjonijiet neċessarji; però ma kellux żmien jieħu ħsieb ta' dik il-pendenza u ttraskuraha sa l-1952, sakemm l-attur *nomine* ssikkah ħalli jiddefiniha; f'liema żmien huwa ċempel telefo-

nata tal-Kaprat, fejn il-konvenut għandu l-azjenda kummerċjali tiegħu, kellem permezz tat-telefon lill-konvenut, u dana qallu biex "jibgħatlu n-notamenti". Xehed ukoll illi ..................;

Illi, però, il-konvenut xehed illi minn dak iż-żmien, ċirka seba' snin ilu, jekk mhux aktar, il-persuna impjegata maddittta attriċi ppreżentatlu xi kontijiet li huwa qalilha li kienu eżaġerati; sa meta rċieva l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru 1953, fejn iddikjara li ma għandu jagħti xejn lil dik idditta, ħadd ma kellmu fuq dawk il-kontijiet u huwa ma tkellem ma' ħadd fuqhom. Innega li fl-1952 Cremona kellmu per mezz tat-telefon, u spjega..............;

Illi t-testimonjanza ta' John Mizzi ma tistax tittieħes, għaliex hija wisq konfuża.............;

Illi għalhekk, favur il-pretiża rikonjizzjoni tad-debitu ma hemmx ħlief ir-risposta fuq riferita li x-xhud Cremona jallega li l-konvenut tah meta kellmu permezz tat-telefon, jiġifieri t-talba li jibgħatlu n-notamenti;

Illi, però, din il-prova, li l-konvenut talab in-notamenti, riżultanti mix-xhieda ta' Cremona, hija distrutta bil-prova kuntrarja riżultanti mix-xhieda tal-konvenut, li reċiżament innega li fl-1952 kellu ma' Cremona l-imsemmija konversazzjoni permezz tat-telefon;

Illi, anki kieku seta' jiġi ritenut illi l-attur għamel soddisfaċentement din il-prova, jiġifieri li l-konvenut talab in-notamenti, dan il-fatt, jiġifieri s-sempliċi talba tan-notamenti mingħajr lanqas kelma oħra li setgħet tispjega għaliex il-konvenut ried dawk in-notamenti, ma ġġibx ir-rikonjizzjoni tad-debitu, u kwindi, fil-każ preżenti, ir-rinunzja għall-preskrizzjoni ġa maturata. Kieku l-konvenut żied xi kliem ieħor, per eżempju, kieku qal "ibgħatli n-notamenti u nħallas", "ibgħatli n-notamenti u nivverifika u, jekk insib li għandi nagħti, inħallas", dawk il-kliem kienu jammontaw għal rikonjizzjoni tad-dejn, u kwindi għal rinunzja taċita għall-preskrizzjoni; billi, fl-ewwel każ, kien ikun hemm ir-rinunzja diretta u espressa b'dikjarazzjoni formali tar-rikonoxximent tad-dritt tal-kreditur, u, fit-tieni każ, kien ikun hemm ir-rinunzja diretta u taċita, billi l-kliem "fihom inni-

fishom" kienu "immedjatament" juru l-istess volontà. Però, fis-sempliċi talba għan-notamenti ma tistax ċertament tiġi ravviżata, la dikjarazzjoni formali tal-volontà ta' min għamel dik it-talba li jirrikonoxxi d-dritt tal-pretiż kreditur, la fatt illi "fih innifsu" ("di per sè"), immedjatament, jimmanifesta dik l-istess volontà (rinunzja diretta u taċita), u lanqas fatt konkludenti inkompatibili mal-volontà ta' min għamlu li jikkontesta l-eżistenza tad-dritt ta' dak li jkun jippretendih, fatt li kien jagħti lok għar-rikonjizzjoni, u kwindi għar-rinunzja indiretta jew preżunta;

Skond il-liġi tagħna (art. 2214 tal-Kodiċi Ċivili), ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew taċita. Ir-rinunzja taċita tiġi minn fatt li jissupponi l-abbandun taljedd akkwistat; u l-Qorti ta' l-Appell Tagħna, fis-sentenza fil-kawża "Cassar" vs. Dottor Paolo Azzopardi" (Kollez. XXIX—I—326), spjegat illi "dan kollu jfisser illi r-rinunzja għall-preskrizzjoni, jew l-ammissjoni tad-dejn, li minnu wieħed jista' jeħles per mezz ta' atti, ma jistgħux jiġu miġbuda bħala konsegwenza biss ta' attijiet jew fattijiet li ma jistgħux ifissru jew jittieħdu b'haġa oħra biss bħala rinunzja jew ammissjoni". "Conviene che gli atti da cui si vuole indurre una rinunzja stabiliscano la prova irrefragabile e non equivoca dell'abbandono". Hekk jgħallem Troplong (Della Prescrizione, pag. 37, no. 56);

Fil-fehma ta' din il-Qorti, fl-att tal-konvenut, li illimita ruħu li jitlob in-notamenti tal-kreditu pretiż kontra tiegħu, ma hemmx dik il-prova irrefragabili u inekwivoka ta' l-abbandun; dak l-att ma għandux dak il-karattru evidenti ta' rinunzja; u għalhekk, u apparti l-fatt illi lanqas ma ġie soddisfaċentement pruvat li l-konvenut talab l-imsemmija notamenti, ma hemmx, fil-każ preżenti, ir-rikonjizzjoni tal-kreditu ta' l-attur nomine u r-rinunzja għall-preskrizzjoni ġa maturata;

Għall-motivi premessi, u billi l-konvenut, meta ġie lilu mogħti l-ġurament kontemplat fl-art. 2265 tal-Kodiċi ċitat, iddikjara li mhux debitur (fol. 26 tergo);

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; bl-ispejjeż kontra l-attur nomine.

---